Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Appell Civili Numru. 147/1998/1

**Mary Rose Vella mart John, Carmela Zahra mart Rokku, u**
**Joseph ahwa Vella; u b'nota tad-9 ta' Frar 2007 stante l-mewt ta' Mary Rose Vella fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Peter Paul, Anthony u Charlene xebba Vella f'isimha proprju u bhala prokuratrici**
**ta' hutha l-imsefrin Mary Jane mart Sam Sciberras, Jennifer mart George Attard u Alison xebba Vella, ilkoll ahwa Vella.**

**v.**


Qrati tal-Gustizzja

**Michael Vella; Lucia Falzon mart Peter ahwa Vella; u b'digriet tas-26 ta' Awissu 1998 Lucy Falzon giet nominata kuratrici deputat sabiex tirrapprezenta lill-imsiefra Angelo Vella u Rita mart Joseph Bartolo; u b'digriet tas-26 ta' Awissu, 1998 Michael Vella gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefer Emanuel, ilkoll ahwa Vella.**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1.1. L-atturi Mary Rose Vella (illum mejta), Carmela Zahra u Joseph Vella talbu lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, tiddikjara li l-kuntratt pubblikat min-Nutar Michael Refalo fl-4 ta' Dicembru 1982, li permezz tieghu ommhom Maria Vella ttrasferiet il-fond bin-numru 47 fi Triq Duru, n-Nadur, Ghawdex, lil binha Michael Vella b'titolu ta' *datio in solutum* u versu l-valur u skond it-termini hemm patwiti jigi dikjarat sostanzjalment donazzjoni simulata taht l-apparenza ta' trasferiment oneruz u ghalhekk jigi dikjarat null bhala kuntratt oneruz u validu biss bhala donazzjoni. Inoltre, kienu wkoll talbu lill-Qorti tiddeciedi illi dan il-kuntratt kien null stante li fil-mument tal-pubblikazzjoni ta' l-istess kuntratt, il-proprjeta` immobiljari ma kenitx tappartjeni lill-istess Maria Vella. Dawn l-ewwel zewg talbiet ta' l-atturi kienu gew michuda mill-ewwel Qorti b'sentenza *in parte* tal- 5 ta' April 2001.

1.2. Il-kawza kienet imbaghad giet deciza definittivament fis-26 ta' Novembru 2004, fejn il-Qorti ta' Prim Istanza ddecidiet dwar it-tielet u r-raba' talbiet attrici billi ddikjarat illi "l-kuntratt ta' *datio in solutum* in atti Nutar Dottor Michael Refalo tal-4 ta' Dicembru 1982 bejn Maria Vella u binha l-konvenut Michael Vella bhala donazzjoni simulata ta' hamest elef lira Maltija (LM5000), li giet stabbilita bhala d-differenza bejn il-valur dikjarat fuq l-istess kuntratt u dak li attwalment kien jiswa l-fond hekk trasferit." Din is-sentenza sejra issa tigi riprodotta *in toto* ghall-ahjar intendiment ta' dawn il-proceduri fi stadju ta' appell:

“Il-Qorti;

“Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew:

“Illi fit-tlieta u ghoxrin ta’ Jannar elf disa’ mija u sebgha u disghin mietet intestata omm il-partijiet kontendenti Maria Vella gia` armla ta’ Peter Vella;

“Illi l-istanti ghadhom qed jiddeliberaw jekk jaccettawx l-eredita` lilhom devoluta jew invece jirrinunzjawx ghall-istess b’riserva ghad-dritt tal-legittima;

“Illi qabel jiehdu d-decizjoni taghhom l-atturi ghandhom interess illi fil-massa ereditarja jidhlu l-beni kollha li kellha l-mejta ommhom;

“Illi b’kuntratt fl-atti tan-nutar Michael Refalo tal-erbgha ta’ Dicembru elf disa’ mija u tnejn u tmenin il-mejta ommhom ittrasferiet lill-konvenut binha u hu l-partijiet kontendenti Michael Vella l-proprjeta` immobiljari hemm deskritta b’titolu ta’ *datio in solutum* u versu l-valur u termini hemm pattwiti;

“Illi fid-data tal-imsemmi att il-proprjeta` ma kenitx ghadha saret ta’ Maria Vella billi din il-proprjeta` giet akkwistata minnha meta giet immessa fil-pussess taghha permezz ta’ att tan-Nutar Ino Mario Grech tat-tnejn u ghoxrin ta’ Lulju elf disa’ mija u erbgha u disghin;

”Illi l-valur tal-proprjeta` immobiljari hekk koncessa u trasferita lill-konvenut Michael Vella kienet fir-realta` hafna iktar minn dak indikat fl-att;

“Illi mhux veru li l-konvenut irrenda s-servigi kuri u assistenzi msemmija fl-istess att.

“Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

“1. Tiddeciedi u tiddikjara illi meta gie ppublikat il-kuntratt ta’ *datio in solutum* fuq imsemmi li sar bejn omm

il-kontendenti Maria Vella u l-konvenut Michael Vella l-proprjeta` immobiljari apparentement trasferita permezz tieghu ma kinitx tappartjeni, f'dak iz-zmien, lill-istess Maria Vella;

"2. Konsegwentement tiddikjara l-imsemmi kuntratt null billi *nemo dat quod non habet* u fin-nuqqas li l-Qorti taghmel dan.
"3. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-kuntratt ta' *datio in solutum* fuq imsemmi huwa sostanzjalment donazzjoni simulata taht l-apparenza ta' trasferiment oneruz u ghalhekk.

"4. Tiddikjarah null bhala kuntratt oneruz u validu biss bhala donazzjoni.

"B'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi u bl-ispejjez kontra il-konvenuti.

"Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' Mary Rose Vella.

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi:

"1. Preliminarjament ic-citazzjoni odjerna hija nulla billi tikkontjeni talbiet illi huma kontradittorji ghal xulxin u illi reciprokament jeskludu wahda lil ohra; u qabel xejn l-atturi jridu jiddikjaraw jekk humiex se jinsistu fuq l-ewwel u t-tieni talba taghhom ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' tal-kuntratt ta' *datio in solutum* ta' l-erbgha (4) ta' Dicembru elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982) minhabba l-allegata raguni li l-proprjeta` trasferita ma kenitx tappartjeni lill-omm il-kontendenti Maria Vella fiz-zmien meta gie ppubblikat il-kuntratt jew fuq it-tielet u r-raba' talba taghhom ghad-dikjarazzjoni ta' l-istess kuntratt bhala wiehed validu biss bhala donazzjoni.

"2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni ta' l-atturi hija kolpita bil-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2140 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

“3. Illi fit-tielet lok u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, peress illi l-atturi qed jallegaw titolu provenjenti lilhom b’successjoni, ghandhom igibu l-provi li l-immobbli li dwarha istitwew il-prezenti procedura giet regolarment inkluza fl-avviz tas-successjoni jew f’dikjarazzjoni dwar trasferiment causa mortis skond il-Ligi, skond liema minnhom hi applikabbli.

“4. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-fond in kwistjoni nghata bhala dota lill-omm il-kontendenti Maria Vella ferm aktar minn tletin (30) sena qabel ma hija ghaddiet l-imsemmija proprjeta` lil binha l-konvenut Michael Vella permezz tal-kuntratt ta’ *datio in solutum* ta’ l-erbgha (4) ta’ Dicembru elf disa’ mija u tnejn u tmenin (1982);

“5. Illi l-proprjeta` in kwistjoni tappartjeni esklussivament lill-konvenut Michael Vella billi giet validament akkwistata minnu pacifikament u pubblikament u dan bl-akkwixxenza sahansitra ta’ l-atturi;

“6. Illi l-konvenut Michael Vella rrenda servigi, kuri u assistenzi lill-ommu Maria Vella stante illi huwa kien l-uniku wiehed li ghal snin twal baqa’ guvni u jghix ma’ ommu filwaqt illi kienet ohtu Lucia Falzon illi fl-ahhar tlett snin ta’ hajjet omm il-kontendenti hadet hsieb izzommha maghha u tirrendilha s-servigi, kuri u assistenzi kollha li kellha bzonn.

“7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-jedd u fil-fatt.

“Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti mahlufa minn Michael Vella.

“Rat il-verbali tax-xhieda prodotti.

“Rat is-sentenza *in parte* taghha tal-5 ta' April 2001 dwar l-ewwel zewg talbiet ta' l-atturi li gew michuda.

“Rat id-digriet taghha ta' l-istess data fejn hatret lill-A.I.C. Joseph Mizzi bhala perit tekniku f'din il-kawza sabiex

"*jaghti stima tal-valur tal-proprjeta` in kwistjoni fi zmien li sar it-trasferiment indikat fic-citazzjoni*."

“Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku pprezentata fit-22 ta' Gunju 2001 u mahlufa fil-25 ta' Jannar 2002.

“Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Mejju 2004 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza fuq it-talbiet l-ohra ta' l-atturi.

“Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar dawn it-talbiet.

“Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda prodotti u l-affidavits u dokumenti esebiti.

“Ikkunsidrat:

“Illi permezz ta’ dawn id-domandi, l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat illi l-kuntratt ta' ‘*datio in solutum’* tan-Nutar dottor Michael Refalo ta’ l-4 ta’ Dicembru 1982 (Dok. A) li bih ommhom, Maria Vella, kienet assenjat lil binha l-konvenut Michael Vella l-proprjeta` tal-fond numru sebgha u erbghin (47) Triq Duru, n-Nadur, Ghawdex, bhala kumpens ghas-servigi allegatament rezi minnu, huwa sostanzjalment donazzjoni simulata taht l-apparenza ta' trasferiment oneruz.  Konsegwentement talbu wkoll illi l-istess kuntratt jigi dikjarat null bhala kuntratt oneruz u validu biss bhala donazzjoni.

“In kontestazzjoni ta’ dawn it-talbiet il-konvenuti jsostnu illi l-konvenut Michael Vella tassew irrenda servigi, kuri u assistenzi lil ommu Maria Vella, stante li kien l-uniku wiehed li ghal snin twal baqa' guvni u jghix ma' ommu.

“Il-kompitu ta' din il-Qorti, f'dan l-istadju tal-proceduri, huwa ghalhekk li tiddecidi jekk il-kuntratt *de quo* jistax tassew jitqies bhala wiehed ta' *datio in solutum* fejn allura l-konvenut Michael Vella jkun gie realment ikkumpensat ghal servigi rezi lil ommu, inkella kienx biss donazzjoni simulata, li tkun saret biex jigu lesi d-drittijiet ereditarji ta' hutu fuq il-wirt ta' ommhom.

“Huwa stabilit fid-dottrina legali li anke kuntratt ta' *datio in solutum* jista' jkun simulat. "….. ***riteniamo possibile la frode nella datio in solutum. E qui ci troviamo d'accordo non solo col Maierini, ma con la dottrina e con la giurisprudenza. Il debitore, che non da' il vero oggetto dovuto, non adempie veramente l'obbligazione; piuttosto la trasforma, e da vita a un contratto nuovo, che esige il suo libero consenso e quello del creditore. Anche la datio in solutum e' dunque un atto animato dalla libera volonta' del debitore, molto piu' che dalla necessita'. Atto, a cui pero' non si adattano le osservazioni fatte per escludere l'applicazione della revocatoria ai pagamenti dei debiti civili scaduti. Vi si applicano piuttosto quelle concernenti il debitore sospeso da condizione. E' dunque possibile, che i pagamenti impropri siano talvolta fraudolenti***."[1]

“Il-parametri stretti u rigoruzi li l-gurisprudenza stabbilita mill-qrati taghna biex l-azzjoni ta' impunjazzjoni ta' kuntratti fuq il-bazi ta' simulazzjoni tigi ezercitata b'success, huma li:

"*Is-simulazzjoni hija forma ta' frodi, u min jallegaha ghandu jgib prova konkludenti u perswassiva tas-simulazzjoni.*

*“Din il-prova ssir bi kwalunkwe mezz permess bil-ligi anke permezz ta' xhieda. Izda dan il-principju li l-prova tas-simulazzjoni trid tkun konkludenti u perswassiva, ghandu jigi applikat b'rigur akbar meta jigi impunjat kuntratt pubbliku.*

*“Fuq kollox imbaghad ghandha tirrizulta b'mod inekwivokabbli l-causa simulandi, b'mod li jekk il-prova ma tirnexxix, l-impunjazzjoni taqa'.*

*“Ix-xhieda ta' l-attur li jallega s-simulazzjoni ghandha fiha nnifisha tigi mehuda bl-akbar cirkospezzjoni meta l-azzjoni*

[1] Teoria Delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano vol. II para. 283.

*tigi proposta wara l-mewt tal-persuna li l-attur jallega li riedet l-att simulat.*

*"Biex ikun hemm simulazzjoni jrid ikun hemm ix-xjenza tal-partijiet kollha li jridu joholqu l-att simulat."* [2]

"Il-perit tekniku stabilixxa l-valur tal-fond trasferit, fis-sena elf disa' mija tnejn u tmenin (1982), meta sar il-kuntratt in kwistjoni, fis-somma ta' sebat elef lira Maltija (Lm7000)[3]. Il-valur dikjarat miz-zewg partijiet ghal dak il-kuntratt, u cioe` Maria Vella, omm il-kontendenti minn naha u binha Michael Vella, wiehed mill-konvenuti prezenti, minn naha l-ohra, kien ta' elfejn lira Maltija (Lm2000)[4], meta l-valur realistiku kien ta' tliet darbiet u nofs aktar. Dan minnu nnifsu gia` jaghti ndikazzjoni ta' simulazzjoni u kif intqal f'sentenza f'kawza simili fejn diversi kuntratti bejn missier u whud minn uliedu gew attakkati bhala donazzjonijiet simulati, "… *fattur rilevanti u spiss determinanti f'kazi simili huwa l-valutazzjoni tal-fond trasferit u kif dan jikkompara mal-prezz attwalment imhallas*.[5]

"Irid ghalhekk jigi stabilit jekk dan il-kuntratt kien ghal kollox simulat jew inkella kienux tassew gew rezi xi servigi li taghhom il-konvenut Michael Vella kien haqqu kumpens. Jinghad fil-kuntratt relattiv illi l-fond in kwistjoni kien qed jinghata bhala kumpens ghas-servigi rezi lil Maria Vella fl-ahhar ghaxar snin, u cioe` ghalhekk bejn l-elf disa' mija tnejn u sebghin (1972) u l-elf disa' mija tnejn u tmenin (1982). Ghalkemm l-atturi jichdu illi huhom Michael Vella kien haqqu xi kumpens ghal li seta' ghamel ma ' ommu, irrizulta sodisfacentement illi dan kien ghamel zmien twil jghin lill-genituri tieghu, partikolarment fix-xoghol tar-raba u ma' l-annimali. Huwa zzewweg kbir u sakemm kien ghadu guvni baqa' dejjem jghix mal-genituri. Ghalkemm kien jghin lill-missieru fix-xoghol kollu tieghu, ma kellux paga regolari. Irrizulta biss illi f'xi zmien mhux specifikat missieru xtralu xi bicca raba kbira tajba ghal bini. Din sussegwentement (fl-1982) xtraha minghandu Peter

---

[2] kollez. vol. xxxvii. ii. 797.
[3] Ara rapport peritali a fol. 68 tal-process.
[4] ara kuntratt relattiv Dok. A a fol. 5 - 6 .
[5] Joseph Vassallo et vs Carmel Vassallo et. Prim Awla: 28.2.1995.

Falzon, ir-ragel ta' ohtu, ghall-prezz ta' hamest elef lira Maltija (Lm5,000).[6] Gie ammess mill-ahwa l-ohra kollha illi fl-istess perijodu ta' ghaxar snin illi dwarhom l-omm riedet tikkumpensa lil Michael Vella, hadd minnhom ma kien jaghti xi ghajnuna partikolari lil ommhom, jew ghax kien imsiefer jew ghax kien altrimenti okkupat b'uliedu. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk gie sodisfacentement ippruvat illi l-konvenut Michael Vella f'dak il-perijodu tassew irrenda servigi li ommu hasset li kellha tikkumpensah taghhom.

“Il-*quantum* ta' dan il-kumpens gie bonarjament u liberament determinat bejn il-kontraenti fuq il-kuntratt imsemmi ta' *datio in solutum,* meta gie dikjarat illi l-prezz ta’ l-immobbli li kien qed jigi trasferit kien ta' elfejn lira Maltija (Lm2000). Huwa ghalhekk inutili ghall-konvenuti illi jargumentaw illi Michael Vella kien haqqu bhala kumpens izjed minn dak li gie attwalment iddikjarat, ghax kif tajjeb isostnu l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet responsiva taghhom, il-qorti ma titstax taghti forza lill-kuntratt li huwa *ex admissis* kontra l-ligi, fejn allura l-valur reali jkun gie ridott biex jigu evazi t-taxxi dovuti.[7] Lanqas huwa validu l-argument ta' l-istess atturi fis-sens illi l-perit tekniku ma hax in konsiderazzjoni illi Maria Vella baqghet tirrisjedi fil-fond trasferit. Il-fond ghadda f'idejn Michael Vella bhala liberu u frank u hieles minn kwalunkwe uzufrutt favur ta' ommu. Jekk huwa ghazel li jhalli lill-ommu tibqa' tirrisjedi fl-istess fond, dan ghamlu buona grazzja tieghu u m'ghadu jnaqqas xejn mill-valur tieghu.

“F'tali cirkostanzi jirrizulta ghalhekk illi, safejn il-fond in kwistjoni kien jiswa hamest elef lira Maltija (Lm5,000) aktar milli gie dikjarat illi kien il-valur tas-servigi rezi mill-konvenut Michael Vella lil ommu, kien hemm donazzjoni simulata tal-valur ta' din is-somma fuq il-kuntratt kontestat. Ghaldaqstant il-kuntratt in kwistjoni ghandu jitqies bhala donazzjoni simulata safejn jeccedi l-ammont dikjarat fuq l-istess kuntratt.

---

[6] ara deposizzjoni ta' Peter Falzon tat-13 ta' Mejju 2004 a fol.138 - 151 .
[7] ara Nota tat-30.9.2004 a fol.3 – 4.

“Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi dwar it-tielet u raba' talba ta' l-atturi billi tiddikjara il-kuntratt ta' *datio in solutum* in atti Nutar Dr. Michael Refalo ta' l-4 ta' Dicembru 1982 bejn Maria Vella u binha l-konvenut Michael Vella bhala donazzjoni simulata ta' hamest elef lira Maltija (Lm5000), li giet stabbilita bhala d-differenza bejn il-valur dikjarat fuq l-istess kuntratt u dak li attwalment kien jiswa l-fond hekk trasferit.”

“L-ispejjez, fic-cirkostanzi, ghandhom jigu ssoportati kwanti ghal kwart (1/4) mill-atturi u tliet kwarti (3/4) mill-konvenuti, barra dawk tas-sentenza *in parte* taghha tal-5 ta' April 2001 li ghandhom ikunu a karigu ta' l-atturi.”

**L-APPELL TA’ L-ATTURI U L-APPELL INCIDENTALI TAL-KONVENUTI**

1.3. Il-partijiet kontendenti kollha hassewhom aggravati b’din id-decizjoni – l-atturi interponew appell minnha b’rikors pprezentat fl-10 ta’ Dicembru 2004, u l-konvenuti interponew appell incidentali.

**L-APPELL TAL-ATTURI**

2. L-atturi jillanjaw li ladarba l-ewwel Qorti sabet li n-negozju guridiku *de quo agitur* kien infettat bis-simulazzjoni relattiva, hija kellha tiddikjara l-kuntratt fuq imsemmi bhala att simulat u tghid li l-kuntratt kien wiehed ta’ donazzjoni tal-fond lil Michael Vella. Il-Qorti, skond huma, kienet ghalhekk zbaljata ghaliex:

i) iddikjarat li n-negozju veru kien donazzjoni ta’ somma flus minflok donazzjoni ta’ proprjeta` immobiljari;

ii) qalet li l-att kien parti att ta’ *datio in solutum* u in parti donazzjoni tas-somma ta’ Lm5,000, meta huwa pacifiku fid-dottrina u l-gurisprudenza li l-att jew ikun validu kollu kemm hu jew ikun simulat kollu kemm hu, u li l-att ghandu ghalhekk jigi annullat fl-intier tieghu.

Ghalhekk talbu li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata, tilqa` t-talbiet attrici billi tiddikjara li l-kuntratt apparentement ta’ *datio in solutum* huwa sostanzjalment

donazzjoni simulata taht l-apparenza ta' trasferiment oneruz u konsegwentement tiddikjarah null bhala kuntratt oneruz u validu biss bhala donazzjoni, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

**IR-RISPOSTA TAL-KONVENUTI U L-APPELL INCIDENTALI TAGHHOM**

3.1. Fil-fehma tal-konvenuti l-appell interpost mill-atturi huwa infondat u ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.
Il-konvenuti jissottomettu li d-decizjoni tal-Qorti li Michael Vella ma ghandux jikkollazzjona fil-massa ereditarja l-fond trasferit lilu bil-kuntratt ta' *datio in solutum* kienet gusta, izda peress li ma jaqblux mad-dikjarazzjoni tal-Qorti li l-kuntratt kien jimmaskera donazzjoni simulata ta' Lm5,000, qed jinterponu appell incidentali f'dan ir-rigward.

3.2. Fil-fehma tal-konvenuti, l-appellanti m'humiex korretti meta jippretendu li l-kuntratt ta' *datio in solutum* ghandu jigi dikjarat simulat fl-interezza tieghu, u jghidu li dak kien kuntratt ta' donazzjoni ta' fond immobiljari pjuttost milli donazzjoni ta' somma flus li tirraprezenta d-differenza bejn il-valur kif dikjarat fl-istess kuntratt u dak stabbilit mill-perit tekniku. Il-konvenuti jissottomettu li l-appellanti m'ghadhomx qed jikkontestaw il-fatt li Michael Vella verament irrenda servigi lil Maria Vella, servigi li taghhom kellu dritt jigi kumpensat u kien ghalhekk li ommu kienet gustifikata illi tittrasferilu l-fond *de quo* b'titolu ta' *datio in solutum*, bil-kundizzjoni li ma jkunx jista jitlob hlas iehor ghas-servigi rezi minnu. Ghalhekk stante li gie stabbilit li Michael Vella verament irrenda servigi, kuri u assistenzi lil ommu, ghal-liema servigi kellu d-dritt jigi kumpensat, u ladarba rrizulta li Maria Vella riedet tittrasferilu l-fond *de quo* b'titolu ta' *datio in solutum*, il-Qorti ta' Prim Istanza messha cahdet it-talbiet attrici fit-totalita` taghhom, bl-ispejjez kollha kontra taghhom. Ma kien hemm xejn li jindika li l-omm kienet qed tahbi donazzjoni ta' flus, jew tal-fond innifsu lil Michael Vella. Fil-mument li fih kienu qed jikkontrattaw il-partijiet, il-valur tal-fond u l-valur tas-servigi rezi mill-iben lil ommu kienu ta' importanza marginali fil-menti tal-kontraenti – il-valur kellu jservi biss sabiex jigi stabbilit l-ammont ta' boll pagabbli fuq it-

trasferiment. Jekk dan il-valur kien modest izzejjed dan seta’ jwassal biss ghat-tehid ta’ azzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti izda certament mhux ghan-nullita` jew ghal dikjarazzjoni ta’ simulazzjoni relattiva tan-negozju guridiku kompjut bejn il-partijiet.

Ghalhekk talbu lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ddikjarat illi l-ispejjez tas-sentenza *in parte* tal-5 ta’ April 2001 jkunu a karigu ta’ l-atturi, tirrevokaha in kwantu laqghet it-tielet u r-raba’ talba ta’ l-atturi u minflok tichadhom fit-totalita` taghhom. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

**IR-RISPOSTA TA’ L-ATTURI GHALL-APPELL INCIDENTALI TAL-KONVENUTI**

4. L-atturi jinsistu li huma qatt ma abbandunaw il-kontestazzjoni taghhom dwar li l-konvenut Michael Vella rrenda xi servigi lil Maria Vella tant li fin-nota ta’ sottomissjonijiet pprezentata minnhom quddiem l-ewwel Qorti, giebu a konjizzjoni tal-Qorti ta’ Prim Istanza, id-diversi kontradizzjonijiet fix-xiehda mressqa mill-konvenuti.

Il-konvenuti jghidu li l-bazi ta’ l-aggravju ta’ l-appell incidentali, ossija li l-valur moghti lid-dar huwa xi haga marginali, ta’ importanza minima, u kellu jservi biss sabiex jigi stabbilit l-ammont ta’ boll dovut, u ghalhekk messu gie injorat mill-Qorti, mhux sostenibbli stante –

i) li l-allegazzjoni ma gietx imqanqla fin-nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk ma tistax tifforma parti mill-kontestazzjoni bejn il-partijiet;

ii) l-argument ma giex sostenut mill-provi prodotti, lanqas mix-xiehda ta’ Michael Vella;

iii) il-konvenuti stess, fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom kkonfermaw dak ddikjarat fil-kuntratt, cioe` li “z-zewg partijiet dakinhar dehrilhom illi l-figura ta’ LM2,000 kienet tirraprezenta valur gust ghaz-zewg konsiderazzjonijiet bilaterali”. L-ewwel Qorti bbazat is-sentenza fuq din is-sottomissjoni tal-konvenuti;

iv) din l-allegazzjoni tmur kontra l-principju li hadd ma jista jmieri dak li jkun ikkuntratta huwa stess bil-miktub;

v) anke li kieku dak li jallegaw il-konvenuti huwa veru hadd ma jista jibbenifika mit-turpitudni tieghu stess billi jiccita prezz biex jiddefrawda l-fiscus u sussegwentement jitlob lill-Qorti tinjorah;

vi) il-valur moghti lill-fond kien parti essenzjali mill-kuntratt – kien mhux biss jirraprezenta l-valur tad-dar imma wkoll il-valur tas-servigi allegatament rezi.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

5.1. Kif inghad, il-partijiet kontendenti f'din il-kawza t-tnejn hassewhom aggravati bid-decizjoni tal-Qorti ta' Prim Istanza. L-appell principali, dak ta' l-atturi jittratta essenzjalment punt ta' ligi filwaqt li l-appell incidentali interpost mill-konvenuti jitratta l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-ewwel Qorti biex waslet ghad-decizjoni taghha. Fir-rikors ta' appell taghhom, l-atturi jsostnu li ladarba l-Qorti sabet li l-kuntratt ta' *datio in solutum* kien vizzjat bis-simulazzjoni, ma setghetx tasal ghall-konkluzzjoni minnha raggunta, izda kellha tiddikjara li l-kuntratt ta' l-4 ta' Dicembru 1982, li apparentement kien kuntratt ta' *datio in solutum*, kien fil-fatt kuntratt ta' donazzjoni favur Michael Vella.

5.2. Min-naha taghhom il-konvenuti, filwaqt li rribadew illi l-appell ta' l-atturi kellu jigi respint peress li nfondat fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement is-sentenza appellata kellha tigi konfermata "fejn il-Qorti ddecidiet illi l-esponenti Michael Vella ma ghandux jikkollazzjoni fil-massa ereditarja ta' ommu l-fond", appellaw incidentalment mis-sentenza "in kwantu ddikjarat illi dak il-kuntratt jimmaskera donazzjoni simulata ta' hamest elef lira Maltija (Lm5,000) li giet stabbilita bhala d-differenza bejn il-valur iddikjarat fuq l-istess kuntratt u dak li attwalment kien jiswa l-fond hekk trasferit". Dan ghaliex, il-konvenuti jinsistu li l-kuntratt *de quo* ma jistax jigi kkunsidrat bhala wiehed simulat stante li rrizulta li l-konvenut Michael Vella rrenda servigi lil ommu Maria Vella.

5.3. Din il-Qorti hija tal-fehma illi fl-ewwel lok ghandha tigi investigata l-lanjanza tal-konvenuti ghaliex jekk jirrizulta li l-kuntratt ta' *datio in solutum* ma kienx simulat allura t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fl-interezza taghhom.

6. Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza jistghu jigu riassunti hekk:-
a) Il-kontendenti huma lkoll ulied Maria u Peter Vella. Maria Vella mietet intestata fit-23 ta' Jannar 1997. Fl-4 ta' Dicembru 1982, Maria Vella kienet ttrasferit b'titolu ta' *datio in solutum* id-dar bin-numru 47, fi Triq Duru, n-Nadur, Ghawdex, lill-konvenut Michael Vella. Il-fond trasferit, skond l-atturi, huwa l-unika proprjeta` immobiljari ta' certu valur stante li, apparti dan il-fond, l-eredita` tikkomprendi biss fondi rurali. Jirrizulta wkoll illi din il-proprjeta` kienet proprjeta` parafernali ta' Maria Vella, ghax kienet giet imhollija lilha b'legat mill-genituri taghha Michael u Teresa Buttigieg bit-testment *unica carta* taghhom tal-24 ta' Frar 1965[8]. Jigi rilevat illi bid-decizjoni <u>in parte</u> tal-5 ta' April 2001[9], liema decizjoni ma gietx appellata, il-Qorti ta' Prim Istanza kienet iddecidiet illi fiz-zmien meta gie ppublikat l-att ta' *datio in solutum*, Vella setghet taghmel it-trasferiment anke jekk il-kuntratt formali ta' immissjoni fil-pussess tal-legat gie ppublikat fit-22 ta' Lulju 1994, ghaliex il-ligi ma tghid imkien li l-proprjeta` tal-haga mhollija b'legat tghaddi wara li ssir l-immissjoni fil-pussess mill-eredi u l-fond kien ilu snin fil-pussess ta' Maria Vella ghax kien inghata lilha b'dota.
b) L-atturi jsostnu li dan it-trasferiment, li sar minn ommhom, wara l-mewt ta' missierhom fil-11 ta' Mejju 1980, kien wiehed simulat taht l-apparenza ta' trasferiment oneruz. L-atturi li ghadhom qed jiddeliberaw jekk jaccettawx l-eredita` lilhom devoluta mill-mejta ommhom, jew invece joptjaw ghal-legitima wara li jirrinunzjaw ghall-wirt, ghandhom interess li jassiguraw li l-assi tal-mejta ommhom jidhlu kollha fil-massa ereditarja u ghalhekk ipprezentaw il-kawza odjerna kontra huthom l-ohra.

---
[8] Ara Dok B
[9] sentenza a fol 58 et seq.

c) Dak li qed jallegaw l-atturi huwa li l-att ta’ *datio in solutum* kien simulat peress li kien qed jahbi donazzjoni favur Michael Vella. L-atturi jallegaw li ommhom riedet taghmel il-kontrattazzjoni, u mhux ma taghmel xejn, izda b’din il-kontrattazzjoni hija riedet fil-fatt taghmel donazzjoni favur binha Michael u mhux tikkompensah ghal xi servigi li pprestalha. L-atturi jsostnu li l-konvenut ma rrendhiex servigi lill-ommu, anzi jghidu li kien proprju l-kuntrarju u li Maria Vella rrendietlu servigi, stante li hu baqa’ jirrisjedi maghha ghal bosta snin. Skond l-atturi ghalhekk il-kawzali ta’ dak l-att mhumiex vera.

7.1. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, att ghandu jkun ritenut simulat meta fil-volonta` tal-persuni li hadu parti fih, ikollu sinjifikat apparenti divers minn dak li realment ghandu. Din is-simulazzjoni tista’ tkun assoluta, meta l-partijiet ma riedu jaghmlu ebda att guridiku, jew relattiva bhal meta jigi konkluz att guridiku veru u reali, izda taht falza apparenza li tahbi l-vera natura tieghu[10]. Din l-ahhar speci ta’ simulazzjoni hija dik li l-appellanti jridu jattribwixxu lill-kuntratt ta’ *datio in solutum*. L-azzjoni odjerna m’hijiex diretta lejn dikjarazzjoni ta’ l-inesistenza assoluta ta’ l-att, izda ghandha bhala skop li tigi restitwita r-realta` ta’ l-att u mnehhija l-forma apparenti tieghu[11].

7.2. Peress illi kull ftehim ghandu favur tieghu l-presunzjoni tas-sincerita` u tar-realta` u ma tinghatax guridikament presunzjoni ta’ frodi, min irid iwaqqa’ din il-presunzjoni tas-sincerita` tal-ftehim jehtieg li jgib prova konkludenti u perswassiva tas-simulazzjoni li qed jallega. F’dan ir-rigward din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza fl-ismijiet **Schembri v. Schembri**[12] sostniet li dan japplika “con maggior riguardo quando si tratta di dichiarare inesistente atti pubblici contro cui le deduzioni devono essere fondate su atti gravi, precisi, e concordanti” – dan ghaliex il-ligi tirriponi l-akbar fidi f’att pubbliku.

---

[10] Sammut v. Ellul – Appell superjuri – 15 ta’ Jannar 1945
[11] Vol XXIX ii 558
[12] 20 ta’ Mejju 1932

7.3. Fil-kaz li l-azzjoni tkun giet intentata minn partijiet estraneji ghan-negozju guridiku it-terzi "possono fare ricorso ad ogni mezzo di prova per svelare l'apparenza posta in essere ai loro danni[13]" u dan ghaliex huma jinsabu fl-impossibilita` li jottjenu prova skritta tas-simulazzjoni kommessa minn haddiehor minn wara darhom. Dawn il-provi jistghu jkunu kemm diretti cioe` bix-xhieda, kif ukoll indiretti jew indizzjarji, derivanti minn cirkostanza li skond l-atturi juru li l-att ta' *datio in solutum* kien simulat....... Il-prova f'dan il-kaz tkun "sopratutto indiretta, indiziaria, congetturale (*per coniecturas, signa et urgentes suspenciones*) essa piuttosto si induce, si arguisce, si intuisce dall'ambiente in cui il contratto e' stato posto in essere, dalle relazioni delle parti, dal contenuto del negozio, dalle circostanze che l'accompagnano." Izda fil-kaz ta' provi indizzjarji dawn iridu jkunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li l-provi indizzjarji ma jiswewx jekk ikunu indeboliti minn provi ohra jew indizji kuntrarji[14].

Id-deduzzjonijiet kontra l-veracita` ta' l-att pubbliku jridu jkunu specifici u cirkostanzjati. Fuq kollox ghandha wkoll tirrizulta b'mod inekwivokabbli l-*causa simulandi* b'mod li jekk il-prova ma tirnexxix, l-impunjazzjoni taqa`[15]. Gie mbaghad ritenut mill-gurisprudenza li x-xiehda ta' l-attur ghandha fiha nnfisha tigi mehuda bl-akbar cirkospezzjoni meta l-azzjoni tigi proposta wara l-mewt tal-persuna li l-attur jallega li riedet l-att simulat, u dan ghaliex tali xiehda ma tkunx tista' tigi kkontrollata kif imiss[16]. Inoltre, biex ikun hemm simulazzjoni hija necessarja x-xjenza tal-partijiet kollha li jridu joholqu l-att simulat ghax jekk dan il-kunsens ma jkunx hemm, l-att ma jkunx impunjabbli fil-konfront ta' min ma jkunx ta dak il-kunsens[17].

8.1. Stabbiliti dawn il-principji, din il-Qorti ta' revizjoni sejra tghaddi biex tezamina jekk fil-kaz li ghandha

---

[13] Novissimo Digesto Vol XVII pg 408
[14] J. Giordmaina et v. G. Agius – PA – 21 ta' April 1961
[15] Vol XXIV ii 295
[16] Bacchiani v. Sammut – 20 ta' Novembru 1922 u Abela v. Abela Borg – 26 ta' Jannar 1914 it-tnejn Appelli Superjuri; Chetcuti utrinque 11 ta' Jannar 1922 u L. Spiteri Debono v. J. Spiteri Debono 5 ta' Dicembru 1953 – it-tnejn decizjonijiet tal-Prim Awla
[17] Spiteri Debono v. Spiteri Debono – Vol XXXVII ii 797

quddiemha, l-atturi rnexxielhomx jipprovaw b'mod sodisfacenti s-simulazzjoni allegata minnhom.

8.2. L-atturi jibbazaw din l-allegazzjoni taghhom fuq il-konsiderazzjoni li l-kawzali ta' l-att, ossija li l-kuntratt ta' *datio in solutum* favur Michael Vella kien qed isir "in vista tas-servigi, kuri u assistenzi li l-istess Michael Vella irrenda lill-komparenti Maria Vella ghal dawn l-ahhar ghaxar snin", mhix vera. Fic-citazzjoni, infatti, jippremettu li l-valur tal-proprjeta` immobiljari koncessa u trasferita lill-konvenut b'dan l-att, kienet hafna aktar minn dak indikat fl-istess att u li huhom il-konvenut ma kienx irrenda s-servigi u assistenza msemmija fl-att, u li ghalihom kien allegatament qed jigi kompensat. Skond l-appellanti ommhom ghamlet l-att favur il-konvenut bhala donazzjoni. Dan ikomplu jsostnuh fix-xiehda taghhom u n-noti pprezentati minnhom tul il-proceduri odjerni.

8.3. L-attrici Maryrose Vella zzewget fl-1967 u xehdet li kienet tmur tara lil ommha darbtejn fil-gimgha sa ma miet missierha f'Mejju 1980, ossija sentejn biss qabel ma sar l-att *de quo*. Missierha, tghid, kien ghadu f'sahhtu u baqa' fin-negozju sa ftit jiem qabel ma miet u l-istess ommha, li fil-perjodu imsemmi fl-att kellha bejn 58 sa 68 sena. Xehdet li ommha kienet tiehu hsieb il-bzonnijiet ta' zewgha u tal-familja u kienet tmur tixtri, issajjar u tahsel il-hwejjeg hi. Kemm Maryrose Vella u anke Carmen Zahra xehdu li Kelinu, l-konvenut, kien jghalef il-bhejjem izda, skond Maryrose Vella, Michael Vella ma kienx imidd idu ghall-facendi. Tixhed li ohthom Rita kienet izzewget ftit qabel ma miet missierhom u li din kienet tghin hafna fil-facendi. L-attrici sahansitra tixhed li kienet ommha li kienet iddur b'Kelinu ghax dan ma kienx jibqa` d-dar izda kien jahdem ma' certu Coronato Attard li kien jaghmel il-bjut. Aktar tard izda tghid li Kelinu kien imur l-ghalqa, u meta jsib gurnata xoghol jaghmel il-bjut kien jaghmilha. L-atturi izda ma pproducewx lil dan Coronato Attard, xhud indipendenti mill-partijiet, biex jikkonferma dak allegat minnhom.

8.4. Carmen Vella, mart Joseph Vella, wiehed mill-ahwa Vella, minkejja li tammetti li bejn l-1972 sa l-1982 ma

kienitx tghix Ghawdex, xehdet illi meta fl-1977 giet hawn ghal btala kienet tara lil Maria Vella tahsel il-hwejjeg u l-art, tnaddaf u ssajjar ghall-familja kollha – u dan nonostante li ma kenitx toqghod ghandha. Ix-xhud spjegat illi ftit xhur qabel ma mietet Maria Vella din iggieldet ma' Michael u marret toqghod ma' bintha Lucy Falzon – din l-informazzjoni izda bhal xiehda ohra simili li taw il-partijiet kontendenti kollha, m'hijiex rilevanti direttament ghas-soluzzjoni tal-vertenza kollha, li hija principalment ristretta ghas-servigi rezi fis-snin bejn l-1972 u l-1982. Xehdet ukoll Antoinette Cefai, bint din ix-xhud li ghexet l-Awstralja sakemm kellha tmintax-il sena. Din ta' l-ahhar qalet li hija kienet giet hawn ghal btala ma' missierha meta kellha sittax-il sena u li qatt ma rat liz-ziju Michael jaghmel facendi fid-dar tan-nanna u dan minkejja li hija u missieha marru joqghodu hemm xahrejn u nofs. Tispjega li nannitha kienet ghadha b'sahhitha u kienet taghmel il-facendi u anke ssajrilhom u tahslilhom il-hwejjeg. Tammetti, izda bhax-xhieda l-ohra, li l-konvenut kien jaghlef il-bhejjem. Mill-istess xiehda jirrizulta izda li dan l-episodju sehh wara l-1982 ghaliex ix-xhud tghid illi dak iz-zmien Michael kien diga` mizzewweg.

8.5. Sabiex isahhu t-tezi taghhom li Maria Vella kien ghadha f'sahhitha u kienet taqdi l-bzonnijiet taghhom u tal-familja taghha, l-atturi pproducew lil Mary Cassar, li kellha hanut tal-grocer f'Church Street, in-Nadur sal-1993. Din ix-xhud, li b'kumbinazzjoni tigi oht Carmen Vella, mart wiehed mill-atturi, xehdet li sakemm ghalqet il-hanut Maria Vella kienet tmur tixtri tlett darbiet fil-gimgha mill-hanut taghha l-affarjiet ta' l-ikel.

9.1. Il-konvenuti jsostnu, min-naha taghhom, illi Michael Vella verament rrenda s-servigi u l-kuri li taghhom gie kompensat bil-kuntratt *de quo* u ghalhekk il-kawzali msemmija hija vera u ma kellha ebda simulazzjoni. Il-konvenuti ssottomettew illi l-atturi ma tantx jistghu jghidu x'kien isir fid-dar tal-genituri taghhom ghaliex hadd minnhom ma kien jabita mal-koncedenti gewwa darha ghal zmien twil u xi whud minnhom kienu msiefrin ghal bosta snin. Il-konvenut jammetti li meta hutu ma kienux ghadhom mizzewgin, kulhadd kien jghin fid-dar u li Lucy u

Leli, flimkien mieghu, kienu jghinu fin-negozju. Jinsisti izda li hu kien baqa' jghix wahda mal-genituri tieghu fid-dar taghhom fil-perjodu bejn l-1972 u l-1982 ghaliex ohtu Rita (wkoll konvenuta) zzewget sentejn biss wara Lucy, ossija sentejn wara l-1970. Jinghad izda li din id-dikjarazzjoni mhijiex korretta stante li giet kontradetta minn Lucy Falzon li qalet li fl-1970 meta sifret il-Kanada, kien baqa' d-dar Michael u Rita li kellha tnax-il sena[18]. Huwa inverosimili li Rita zzewget ta' erbatax-il sena, u hija izjed verosimili l-verzjoni ta' l-attrici, li Rita baqghet tghix mal-genituri taghha sa ftit qabel ma miet missierha fl-1980. B'hekk skond dak li ammetta l-istess konvenut aktar kmieni fid-deposizzjoni tieghu, fil-perjodu in ezami ghallinqas ghal xi snin, ohtu wkoll kien tghin lill-genituri taghha, ghallinqas fil-facendi. Dwar is-servigi, il-konvenut jelabora li hu kien jiehu hsieb li missieru ma jigrilu xejn pero` li xi hames snin qabel ma miet kien marad b'qalbu. Jghid li hu kien jaghmel ix-xoghol tal-biedja, jaghlef il-bhejjem, igorr il-gwiez, u jsuq it-trakk bit-tghabija anke meta missieru kien b'sahhtu. F'dan ir-rigward jigi pprecizat illi ghalkemm il-konvenut xehed li wara l-mewt ta' missieru kienu naqqsu n-negozju, fil-kontroezami rrizulta li missieru ma kienx baqa' bin-negozju u ma baqax jinzel ix-xatt meta marad b'qalbu. Jigi rilevat ukoll illi mill-provi rrizulta li sakemm kien ghadu haj missieru dan hallaslu btala l-Awstralja u kien anke xtralu bicca art fabbrikabbli li wara l-konvenut kien biegh lill-konvenuta Lucy Falzon. Il-konvenut jinsisti li hu dam ma' missieru 43 sena u qatt ma thallas paga. Michael Vella jghid ukoll li wara l-mewt ta' missieru, ommu ma baqghetx tohrog izjed u f'dan il-perjodu, ta' madwar 7 snin, hu kien jaghmel kollox - inaddaf, imur jixtri ghand tal-hanut, isajjar, jahsel il-hwejjeg, igib il-pilloli u jiehu hsieb sahhet ommu billi jehodha l-isptar u ghand it-tabib. Izid li wara li zzewweg fl-1983. Kemm hu kif ukoll martu baqghu jaghmlu hekk.

9.2. Kemm il-konvenuta kif ukoll zewgha Peter Falzon jikkoroboraw ix-xiehda tal-konvenut u jghidu li dan kien jghin lil missieru u li qatt ma thallas ta' dan, ghalkemm Peter Falzon, fil-kontroezami jammetti li missier Michael

---

[18] fol 163 et seq

Vella kien xtralu bicca art li wara akkwistat martu Lucy fl-1982 ghal LM5,000. P. Falzon jghid li fix-xhur li hu u martu ghamlu jghixu ghand il-genituri tal-konvenuti qabel ma marru l-Kanada, Michael kien jaghmel ix-xoghol tar-raba, ghax missieru kien jahdem ftit fir-raba, u li Michael kien jiehu hsieb il-bhejjem u jonxor u jaqla’ l-hwejjeg. Izid jghid li peress li Peter Vella kien itella’ l-biegha Malta u ma kienx isuq, Michael kien jiehu l-missieru x-xatt bit-trakk ta’ missieru u jerga’ jmur ghalih. Skond dan ix-xhud Michael ma kienx jahdem full time u kien biss jaghmel il-konkos xi gurnata ’l hawn u ’l hinn. Dwar min kien jghin fid-dar tal-genituri l-ewwel jixhed li Michael kien jaghmel kollox, anke meta kien hemm Rita, imbaghad jghid li Maria Vella kienet issajjar u tahsel il-hwejjeg u li Michael kien jaqlaghhom u jonxorhom. Izid ukoll li fix-xhur li hu u martu ghexu fid-dar tal-genituri ta’ martu huma wkoll kienu jghinu - martu kienet tghin fil-bhejjem, tahsel u anke tmur fir-raba, u hu imur fir-raba wara li kien jigi mix-xoghol. Lucy Falzon xehdet illi sahhet ommha kien ilha sejra lura minn meta mitilha binha Tony bosta snin qabel, meta hija kellha hmistax-il sena, cioe` fl-1967 (stante li hija kellha tmintax-il sena meta zzewget fl-1970). Bosta mix-xiehda taghha izda titratta dak li gara wara l-1983, meta hija rritornat ghall-vaganza. Dwar dak iz-zmien tghid li ommha kellha bzonn min jghinha u jghamlilha l-facendi u li Michael kien jghamlilha dak li jkollha bzonn. Dan tixhdu nonostante li fil-kontroezami tammetti li hi kellha xi tghid ma’ Michael Vella ghaliex kienet qed tisma’ affarijiet minghand in-nies li ma kienux veri[19]. Ix-xhud izda tghid li hija kienet nizlet Ghawdex meta miet missierha u li ommha kienet ghamlet zmien twil id-dar u lanqas kienet titqarben, tant li kienet biss mart Michael, li wara l-1983, bdiet iggibilha qassis. Tispjega li wara l-funeral ta’ missierha, ommha kienet iggieldet ma’ l-attrici Maryrose u li r-ragel ta’ din ta’ l-ahhar kien hareg il-mus ghall-konvenut Michael Vella[20]. Jidher ghalhekk li bejn l-omm u l-attrici kien hemm l-inkwiet wara l-mewt ta’ Peter Vella fl-1980 u li Maryrose Vella ma baqghetx tiffrekwenta dar ommha – tant li l-attrici stess xehdet illi kienet izzur regolarment il-genituri taghha sal-mewt ta’ missierha. L-attrici ghalhekk ftit tista’ tghid x’tip

[19] fol 170
[20] fol 164

ta' xoghol kien qed jaghmel Michael Vella fis-snin meta hu kien qed jghix wahdu ma' ommu.

9.3. Ix-xiehda tal-konvenut li hu kien jghin lill-genituri tieghu bil-bhejjem u anke fix-xoghol tar-raba tinsab korroborata minn dik ta' l-ahwa Rita, Pawlu u Joseph Portelli li kienu girien tal-genituri tal-kontendenti. Minn dawn id-deposizzjonijiet rrizulta, kif wara kollox diga` kkonstatat l-ewwel Qorti, li Michael Vella "ghamel zmien twil jghin lill-genituri tieghu, partikolarment fix-xoghol tar-raba u ma' l-annimali". Dan ammettewh anke l-istess atturi. Pawlu Portelli jghid li Kelinu sakemm izzewweg kien joqghod u jahdem id-dar. Kien jiehu hsieb il-bhejjem, jaghlef il-moghoz, jahleb il-baqar, u kien isuq it-trakk ta' missieru u jwassal lill-missieru bil-karozza[21]. L-istess jghid huh Joseph, li jispjega li Michael kien jigbor u jiehu x-xoghol tal-gwies ghax missieru ma kienx isuq. Jixhed li hu lil Kelinu kien jara jahdem ir-raba u mhux lil hutu. Rita Portelli tixhed li Kelinu kien dejjem jiehu hsieb ommu u jonxor il-hwejjeg u jigri bil-platti – anke meta kien ghadu zghir u ommu kienet ghadha qed twelled.

10. Ghaldaqstant minn ezami tal-provi prodotti jirrizulta li Michael Vella verament irrenda s-servigi u kuri imsemmija fl-iskrittura ta' *datio in solutum* u l-kawzali ta' dan il-kuntratt hija vera. Minn din l-iskrittura ma tohrog ebda donazzjoni. Huwa veru li l-valur hemm dikjarat – dak ta' LM2,000 – rrizulta li kien ferm baxx minn dak li gie stabbilit mill-Perit Tekniku, izda wiehed irid iqis li tali valur gie stabbilit mill-partijiet, li ma kienux esperti f'dan ir-rigward. Jigi rilevat li l-valutazzjoni tal-fond u kif dan jikkompara ma' l-ammont kif dikjarat fil-kuntratt huwa fattur relevanti, u spiss determinanti, f'kawzi ta' simulazzjoni, <u>izda din ic-cirkostanza wahedha ma hijiex bizzejjed biex jigu pjenament sodisfatti l-parametri stretti u rigoruzi li l-gurisprudenza timponi biex l-azzjoni ta' impunjazzjoni ta' kuntratti fuq il-bazi ta' simulazzjoni tigi ezercitata b'success, meta gie ppruvat illi l-konvenut verament rrenda s-servigi li ghalihom ommu riedet tikkumpensah</u>.

---

[21] fol 133

Din il-Qorti ma taqbilx mad-decizjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad, li wara li kkonkludiet illi l-konvenut kien tassew irrenda s-servigi li taghhom ommu hasset u riedet tikkumpensah bil-kuntratt tal-1982, iddikjarat li l-att kien in parti *datio in solutum* u in parti "donazzjoni simulata safejn jeccedi l-ammont dikjarat fuq l-istess kuntratt." Dan ghaliex, kif korrettement qalu l-atturi fl-appell taghhom, il-kuntratt jew hu simulat jew m'huwiex. Dan gie spjegat kjarament fid-decizjoni ta' din il-Qorti, diversament komposta, fl-ismijiet **Michele Mifsud v. Giorgia` Mifsud et**[22], ma' liema decizjoni din il-Qorti hija konkordi, jigifieri li, "hu maghruf illi l-azzjoni ta' simulazzjoni hija indivizzibbli, u r-rizultat taghha huwa l-annullament integrali tan-negozju guridiku simulat. Jghid a propozitu Butera – 'L'azione di simulazione del negozio giuridico e` indivisibile. Un negozio guridico unico es. una compravendita di beni mobili, non puo` essere dichiarato, sino ad una certa misura vero, e pel di piu` simulato, giacche` a codesta` scissione resiste l'unita del rapporto contrattuale. Il negozio giuridico o e` tutto sincero o e` tutto simulato. L'indivisibilita` dell'azione di simulazione dipende da cio`, che l'atto simulato e` un rapporto unico, non la somma di singoli rapporti giuridici' (<u>Simulazione nei Negozi Giuridici</u>, no. 60 pag 239). Kwantu imbaghad ghall-mizura tal-invalidazzjoni tal-att impunjat, l-istess awtur jikkonkjudi illi "la dottrina, piu` ossequente alla lettera e allo spirito della legge sta per l'annullamento integrale del negozio simulato' (Op. cit. para 146 pag 472);"

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa' l-appell incidentali tal-konvenuti u tiddikjara li l-att ta' *datio in solutum* tal-4 ta' Dicembru 1982 ma kien affett minn ebda simulazzjoni u konsegwentement huwa att validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u ghalhekk, fit-tieni lok, qeghdha tichad l-appell principali interpost mill-atturi appellanti. Ghaldaqstant din il-Qorti qeghdha tvarja u tirriforma s-sentenza appellata moghtija fis-26 ta' Novembru 2004 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, fil-kawza fl-ismijiet

[22] 10 ta' Novembru 1961

premessi, billi tikkonfermaha in kwantu ddikjarat li l-ispejjez tas-sentenza *in parte* moghtija fil-5 ta' April 2001 ghandhom ikunu a karigu ta' l-atturi, izda tirrevokaha in kwantu hija laqghet, it-tielet u r-raba' talba ta' l-atturi (u dan anki bil-modalita` kif dawn effetivament gew hemm milqugha) u, minflok, tichad it-talbiet kollha attrici kif dedotti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------